MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1011/2000/1

**Avviz numru 1011/2000DM**

**Korporazzjoni EneMalta**

**Vs**

**Bonnici Brothers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall hlas ta' somma ta' hames mija u hamsa u disghin lira Maltin u erba' u disghin centezmu (Lm595.94) rapprezentanti danni minnhu jew minn impjegati tieghu ikkagunati f'cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar 29 ta' Settembru 1998 f'St. David Road – Mtarfa.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 1999, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali u bil-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 Fl-ewwel lok, it-talba tal-korporazzjoni attrici ghandha tkun respinta stante li s-socjeta konvenuta ma kienetx responsabbli - lanqas l-impjegati taghha - ghad-danni li l-korporazzjoni attrici tallega li garrbet f'cable tad-dawl taghha gewwa l-Imtarfa fid-29 ta' Settembru 1998
2 Fit-tieni lok, bla pregudizzju ghall-premess, il-quantum tad-danni pretiz mill-korporazzjoni attrici huwa esagerat;
3 Fit-tielet lok, bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-korporazzjoni attrici ghandha tipproduci kopja legali tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 1999 ghall-fini tat-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex tirnexxi t-talba attrici l-atturi huma tenuti li mhux biss jipprovaw illi kienu l-konvenuti illi laqtu u ghamlu hsarat fil-cable taghhom, izda wkoll illi din il-hsara grat minhabba xi

nuqqas tal-konvenuti li jista' jinkwadra ruhu f'xi nuqqas ta' osservazzjoni ta' xi regolamenti relattivi ghax-xogholijiet li kienu qed jghamlu, f'xi nuqqas ta' diligenza normalment rikjesta, jew f'xi imperizja fl-ezekuzzjoni tax-xoghol.

Biex jaslu ghal din il-prova, l-atturi pproducew biss bhala xhud lil David Zerafa illi jallega biss illi l-konvenuti kienu qabdu u haffru fit-triq pubblika, minfejn kienu ghaddejin il-cables tal-korporazzjoni attrici, minghajr ma applikaw ghall-licenzji jew permessi necessarji u ghalhekk minghajr ma taw l-opportunita' lill-atturi biex jindikawlhom il-prezenza tal-*cable* fil-post fejn riedu jghamlu l-iskavazzjonijiet.

Min-naha l-ohra pero' il-konvenuti pproducew bizzejjed provi mhux biss biex jirribattu l-allegazzjoni ta' David Zerafa imma sufficjenti biex jipprovaw illi effettivament il-kawza principali ghaliex intlaqat il-cable u garrab il-hsara kienu nuqqasijiet tal-istess korporazzjoni fix-xogholijiet minnhom esegwiti biex jghaddu il-*cable* taht il-livel tat-triq.

Infatti jirrizulta anke mid-dokumenti esibiti illi l-konvenuti kienu applikaw u ottenew il-permessi u l-licenzji necessarji biex jghamlu l-eskavazzjonijiet u kienu anke imxew skond il-marki li kienu ghamlu r-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici.

Infatti jirrizulta wkoll illi wara li l-konvenuti ghamlu l-*pilot holes* kienu qeghdin jistennew li jitfacca l-*cable* tal-atturi izda mhux fil-livel fejn fil-fatt instab.

Infatti dan il-*cable,* li kien mistenni li jkun almenu f'zewg (2) piedi profondita' taht il-livel tat-triq u mghotti bic-cangatura kif tirrikjedi l-arti w is-sena, instab f'livel biss ta' ftit iktar minn pied u minghajr ebda protezzjoni; dawn huma l-fatturi principali ghaliex effettivament il-cable garrab il-hsara.

Ghaldaqstant issib illi l-atturi ma waslux ghal prova rikjesta minnhom u ghaldaqstant qedgha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------